*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Armenja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

   L-ewwel nett, wieħed irid jiftakar li l-Armenja hija mdawra minn żewġ pajjiżi li storikament huma avversarji tagħha, nifhem it-Turkija fuq il-punent u l-Ażerbajġan fuq il-Lvant. Mat-Turkija hemm il-problema tal-Ġenoċidju li seħħ fil-1915 fi żmien l-Imperu Ottoman, waqt li mal-Ażerbajġan teżisti l-problema ta' Nagorno-Karabakh, 'enclave' f'Ażerbajġan b'maġġoranza ta' ċittadini Armeni. Minn Jannar tas-sena l-oħra, it-Turkija u l-Armenja kellhom diversi taħditiet bejniethom biex jippruvaw jirranġaw is-sitwazzjoni u jerġgħu jiftħu l-fruntiera ta' bejniethom. Sfortunatament, il-kwistjoni ta' Nagorno-Karabakh wasslet għal żewġ gwerer bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, l-ewwel waħda bejn Frar tal-1988 u Mejju tal-1994, waqt li t-tieni waħda ġrat bejn is-27 ta' Settembru u l-10 ta' Novembru tal-2020. Għall-Armeni, il-kwistjoni ta' Nagorno-Karabakh hija t'importanza kważi assoluta għax taffettwa s-sigurtà tal-pajjiż. Fil-fatt, it-telfa li ġarrbet fl-aħħar gwerra mal-Ażerbajġan ġabet problemi politiċi interni, li kienu ilhom sejrin mill-2018 meta seħħet l-hekk imsejħa 'Velvet Revolution', meta l-President ta' dak iż-żmien, Serzh Sargsyan (li kien mexxa r-riformi fl-2014), ġie nnominat biex jinħatar Prim Ministru. Minfloku iżda laħaq Prim Ministru il-kap tal-Oppożizzjoni, Nikol Pashinyan, li mexxa l-'Velvet Revolution' bejn April u Mejju 2018. Kif għidt, it-telfa tat-tieni gwerra kontra l-Ażerbajġan ħolqot kriżi politika, b'sejħiet għar-riżenja tal-Prim Ministru Pahinyan, li ra l-fiduċja fih tal-poplu Armeni tinżel għall-25%. Iżda dan sejjaħ elezzjonijiet f'Ġunju tal-2021 li ntrebħu mill-Partit tiegħu meta rebaħ 71 siġġu minn 107 tal-Assemblea Nazzjonali. Il-bidla fl-ekonomija tal-Armenja għal waħda ta' 'market economy' ma kinitx faċli minħabba li l-Armenja hija relattivament iżolata, bil-fruntieri magħl,uqa mat-Turkija u mal-Ażerbajġan jillimitaw ħafna l-aċċess għas-swieq globali. Ir-rata tal-qagħad hija problema oħra għall-Armenja, li kienet laħqet id-19.5% wara t-tieni gwerra mal-Ażerbajġan, iżda li f'Diċembru li għadda niżlet għall-12.7%. L-inflazzjoni telgħet minn 1.23% fl-2020 għal7.2% fl-2021 u reġgħet żdiedet għall-8.30% fl-2022. F'dawn l-aħħar snin, l-Armenja ddiversifikat ħafna l-ekonomija tagħha biex issa hija mibnija fuq is-servizzi (53.2% tal-GDP), l-industrija (27% tal-GDP) u l-agrikoltura (11,2% tal-GDP), li qabel kienet l-aktar importanti. L-Armenja tibbaża wkoll fuq il-flus li l-Armeni li jaħdmu barra mill-pajjiż jibgħatu lil nieshom fl-Armenja, liema ċifra kienet madwar 11% tal-GDP fl-2022. Skond il-'World Report 2023', maħruġ mill-'Human Rights Watch', il-problemi tad-drittijiet tal-bniedem jinkludu trattament ħażin minn dawk responsabbli għall-infurzar tal-liġi, vjolenza domestika, diskriminazzjoni kontra nies b'diżabilità, u vjolenza u diskriminazzjoni bbażata fuq orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi n-negozjati li l-Armenja kellha mal-Unjoni Ewropea fl-2013 biex jiġi ffirmat l-'Agreement with a Deep and Comprehensive Free Trade Area'. Iżda l-Armenja għamlet 'turn about' meta minflok għażlet li tingħaqad mal-'Eurasian Economic Union'. B'danakollu, fl-24 ta' Novembru 2017, ġie ffinalizat l-'Armenian-EU Comprehensive and Enhanced Partnership Agreement (CEPA)', li Malta rratifikat f'Settembru tal-2018. Minkejja dan il-ftehim, l-Armenja tiddependi ħafna fuq i-Russja kemm fejn jidħlu kummerċ u provisti tal-enerġija, kif ukoll is-sigurtà, l-aktar fil-fruntiera mal-Ażerbajġan.

   Dwar x'binarji bi ħsibni naħdem fuqhom, l-ewwelnett irrid niddiskuti mal-Uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. B'danakollu, nħoss li għandi nżomm kuntatt mal-Konslu Onorarju li għandna f'Yerevan, mal-Uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Armenja

kif ukoll mal-Ambaxxatriċi Armena għal Malta. Bi ħsibni nżur l-istakeholders Maltin, bħal Malta Enterprise, Chamber of Commerce, Trade Malta, Malta FOI, MTA, FELTOM, MEDAC, Tech.mt u oħrajn ħalli nisma' direttament minn għandhom l-interessi tagħhom fl-Armenja.

2. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Armenja u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Malta u l-Armenja waqqfu r-relazzjonijiet diplomatiċi bejniethom bl-iffirmar tal-Agreement on the Establishment of Diplomatic Relations, liema ftehim ġie ffirmat fis-7 ta' Ġunju tal-1993 u li daħal fis-seħħ fl-istess ġurnata. Barra dan il-ftehim, Malta u l-Armenja ffirmaw żewġ trattati oħra li huma Trattat dwar il-Kultura u Trattat dwar l-Eliminazzjoni tat-Taxxa Doppja, kif ukoll Memorandum of Understanding dwar Konsultazzjonijiet Politiċi Bilaterali (aktar dettalji fir-risposta numru 4 hawn taħt). Waqt li l-Armenja kienet minn dejjem akkreditata għal Malta mill-Ambaxxata tagħha f'Ruma, Malta l-ewwel kienet akkreditata għall-Armenja mill-Ambaxxata ta' Malta f'Varsavja, sakemm f'Ottubru tal-2021, l-Ambaxxatur Dr George. A. Said-Zammit ippreżenta l-Kredenzjali tiegħu bħala Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-Armenja. Barra minn hekk tajjeb wieħed isemmi li Malta għandha lis-Sur Artur Aleksayan bħala Konslu Onorarju f'Yerevan, Armenja, waqt li l-Armenja m'għandhiex Konslu Onorarju f'Malta, minkejja l-Komunità Armena li hawn f'Malta. Jiena nemmen li l-esperjenza li akkwistajt fi ħdan il-Misteru tal-Affarijiet Barranin li bdiet fl-1 ta' Lulju 1977, l-iktar meta servejt fl-Ambaxxata ta' Malta f'Pariġi (1987-1991), bħala Direttur għall-Affarijiet Multilaterali fejn ġejt f'kuntatt dirett mal-Ambaxxaturi barranin akkreditati għall-Malta (2004-2006), bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Eġittu (2007-2012), kif ukoll bħala Ambaxxatur mhux resident għall-Ungerija (2014-2023) għandha tgħini fil-ħidma tiegħi ta' Ambaxxatur mhux Residenti għall-Armenja. Jien nemmen li l-kuntatti li nistabbilixxi u l-laqgħat li bi ħsibni nagħmel meta mmur nippreżenta l-Kredenzjali għandhom ikattru u jsaħħu r-rabtiet politiċi u s-soċjali li diġà jeżistu. Bi ħsibni wkoll inkompli fuq il-passi tal-predeċessur tiegħi billi nżur Mashtots Matenadaran in vista ta' ftehim bejn Matenadaran u Librerija Nazzjonali ta' Malta kif ukoll biex tiġi organizzata esibizzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

   Dwar l-isfidi prinċipali li jridu jintgħelbu biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, naħseb li l-ewwel irridu nsaħħu u nattwaw id-diversi Trattati li ġew iffirmati, partikularment it-Trattat dwar Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Kultura. B'danakollu, il-fatt li jien Ambaxxatur mhux residenti hija sfida kbira; għalhekk jien irrid nimpenja ruħi mija fil-mija sabiex dan l-iżvantaġġ ma jinħassx. Naturalment tibqa' l-problema tad-distanza bejn iż-żewġ pajjiżi. Nifhem li kemm is-sitwazzjoni fl-Armenja (minhabba t-tensjoni mal-Ażerbajġan) kif ukoll fl-AirMalta ma tantx jawguraw li jista' jsir ftehim fil-qarib għal titjiriet diretti, sakemm ma jkunx hemm xi kumpanija 'low cost' li lesta tidħol hi għal titjira diretta bejn Malta u l-Armenja, bħal per eżempju il-linja 'low cost' Armena, 'FlyOne Armenia'. Hawn tidħol il-kwistjoni tal-visa, speċjalment is-Shengen Visa, li ċittadini Armeni għandhom bżonn biex jiġu Malta, għalkemm teżisti l-possibbiltà ta' Visa Liberalisation, waqt li min għandu passaport Malti m'għandux bżonn visa biex jidħol l-Armenja. Ħaġa oħra li wieħed irid isemmi hija d-deċiżjoni tal-Armenja li ma tiffirmax l-'Association Agreement with a Deep and Comprehensive Free Trade Area' mal-Unjoni Ewropea u minnflok ingħaqdet mal-'Eurasian Economic Union', għalkemm fl-24 ta' Novembru 2017, iffinalizzat l-'Armenian-EU Comprehensive and Enhanced Partnership Agreement (CEPA)', li Malta rratifikat f'Settembru tal-2018. B'danakollu Malta tibqa' tgħin lill-Armenja fir-relazzjonijiet tagħha mal-Unjoni Ewropea. Sfida oħra hija l-lingwa, għalkemm l-Ingliż flimkien mar-Russu huma l-lingwi barranin li l-aktar li jintużaw wara l-Armen li hija l-lingwa uffiċċjali tal-pajjiż.

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Armenja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Minn meta ħadet l-indipendenza fl-1991, l-Armenja rat tkabbir ekonomiku li rriżulta f'żieda fil-GDP per capita. Kif għidt aktar 'il fuq, f'dawn l-aħħar snin, l-Armenja ddiversifikat ħafna l-ekonomija tagħha biex issa hija mibnija fuq is-servizzi (53.2% tal-GDP), l-industrija (27% tal-GDP) u l-agrikoltura (11,2% tal-GDP), li qabel kienet l-aktar importanti. B'danakollu, il-kummerċ bejn Malta u l-Armenja kien ftit wisq. L-importazzjoni mill-Armenja lejn Malta kienet tammonta għal Ewro 18,000 fl-2019, Ewro 18,000 fl-2020, Ewro 61,000 fl-2021, u Ewro 54,000 fl-2022. L-esportazzjoni minn Malta lejn l-Armenja kienet ta' Ewro 52,000 fl-2019, Ewro 110,000 fl-2020 u Ewro 54,000 fl-2021, waqt li ma kien hemm l-ebda esportazzjoni fl-2022. L-iktar oġġetti importati lejn Malta kienu 'Machinery and Mechanical Appliances; Optical Instruments; Beverages, Spirits and Vinegar'. Min-naħa l-oħra, l-iktar oġġetti esportati minn Malta għall-Armenja jinkludu 'Pharmaceutical Products; Machinery, Mechanical Appliances, Boilers, parts thereof; Electrical Machinery and Equipment and parts thereof; Sound Recorders and Reproducers; and Televisions'. Fil-laqgħa li saret fit-30 ta' Marzu li għadda bejn il-Ministri tal-Affarijiet Barranin ta' Malta u l-Armenja, l-Onorevoli Dr Ian Borg, Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u Kummerċ, semma kif iż-żewġ pajjiżi se jkunu qed jesploraw il-possibbiltà ta' iktar ko-operazzjoni fl-oqsma tat-Teknoloġija Informatika, Enerġija Solari, Edukazzjoni u t-Tagħlim tal-Ingliż. Barra dawn, naħseb li nistgħu nkabbru s-settur turistiku speċjalment kulturali, sportiv u anke reliġjuż; is-settur Finanzjarju u l-Manifattura. Naturalment, l-ewwel irrid niddiskuti dan kollu mal-Uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin responsabbli mid-desk tal-Armenja, biex jiggwidawni aħjar liema linja l-aħjar li għandi nieħu, u, kif għidt fil-mistoqsija numru 1, niltaqa' mal-istakeholders Maltin, bħal Malta Enterprise, Chamber of Commerce, Trade Malta, Tech.mt; MTA, FELTOM, Malta FOI, u oħrajn biex insir naf l-interessi prinċipali tagħhom. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nixtieq insemmi l-istedina li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Armenja għamel lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u Kummerċ, l-Onorevoli Dr Ian Borg, biex iżur Yerevan. Tajjeb wieħed jikkonsidra hux il-każ li meta l-Ministru jaċċetta l-istedina, ikun akkumpanjat minn 'Trade Delegation' ħalli l-mawra tiegħu fl-Armenja tħalli l-frott mixtieq.

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   Malta u l-Armenia s'issa ffirmaw erbgħa Trattati bejniethom, li huma:

   - Agreement on the Establishment of Diplomatic Relations between the Government of the Republic of Malta and the Government of the Republic of Armenia – iffirmat u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju, 1993
   - Agreement between the Government of the Republic of Malta and the Government of the Republic of Armenia on Cooperation in the Field of Culture – iffirmat fi Vjenna fis-7 ta' Diċembru, 2017 u daħal fis-seħħ fl-istess ġurnata
   - Memorandum of Understanding between the Ministry of Foreign Affairs and Trade Promotion of the Republic of Malta and the Ministry of Foreign Affairs of the Republic of Armenia on the Establishment of Bilateral Political Consultations – iffirmat fi Munich fis-16 ta' Frar, 2019 u daħal fis-seħħ fl-istess ġurnata

- Agreement between the Government of the Republic of Malta and the Government of the Republic of Armenia for the Elimination of Double Taxation with respect to Taxes on Income and the Prevention of Tax Evasion and Avoidance – iffirmat f'New York fl-24 ta' Settembru, 2019 u daħal fis-seħħ fl-istess ġurnata

Apparti dawn l-erbgħa Trattati, qed isiru negozjati dwar Memorandum of Understanding in the field of Digitalisation. Dan wara li l-Armenja wriet interess li tikkoopera ma' Malta f'dan is-settur. Nifhem li n-negozjati bejn iż-żewġ naħat waslu fil-fażi finali.

Tajjeb wieħed jgħd li l-Cultural Ageement, id-Double Taxation Agreement u l-MoU on Bilateral Political Consultations kollha ġew iffirmati mill-ex-Ministru tal-Affarijiet Barranin, l-Onorevoli Carmelo Abela.

Naħseb li l-Cultural Agreement kif ukoll l-MoU on Bilateral Consultations jistgħu jiġu implimentati aktar regolari. Per eżempju, l-MoU on Bilateral Political Consultations ilu erbgħa snin li ġie ffirmat, iżda s'issa għadha ma saret l-ebda laqgħa. Dan hu dovut għall-fatt li n-naħa Maltija għadha tistenna l-proposti Armeni biex tiġi ifformata l-Aġenda. Jekk dawn il-proposti ikunu għadhom ma ġewx sottomessi mill-Armeni sakemm immur nippreżenta l-kredenzjali, naturalment bi ħsibni nqajjem dan il-punt jiena stess.

Dwar jekk hemmx xi Trattati oħra li għandhom jiġu esplorati, naturalment l-ewwel irrid niddiskuti dan is-suġġett mal-uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet responsabbli mill-Armenja. 'Having said so', wieħed jista' jikkonsidra, per eżempju, MoU bejn id-Diplomatic Academy ta' Malta u l-Armenian Diplomatic School, jew bejn il-Kmamar tal-Kummerċ taż-żewġ pajjiżi. Wieħed jista' anke jipproponi ftehim fil-qasam tat-turiżmu, fl-enerġija solari, fit-teknoloġija informatika u fit-tagħlim tal-Ingliż.

5. Kif tara li Malta u l-Armenja jistgħu jikkollaboraw, b'mod partikolari fuq l-aspett tal-industrija li hija l-ikbar settur ekonomiku? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

   Kif għidt fir-risposti għall-mistoqsijiet numru 1 u numru 3, wara li l-Armenja saret independenti mfl-1991, l-ekonomija tagħha ġiet iddiversifikata w issa tiddependi fuq is-servizzi (53.2% tal-GDP), l-industrija (27% tal-GDP) u l-agrikoltura (11,2% tal-GDP). Fost l-akbar industriji li jeżistu fl-Armenja nsibu dawk tal-'Copper Mining', 'Hydopower' u 'Nuclear Energy'. Barra minn dawn jeżistu wkoll l-industriji tal-enerġija solari, tat-Tessuti, tal-Ġojjellerija, tal-Kemikali, tat-Turiżmu, tat-Teknoloġija Informatika, tat-Telekomunikazzjoni u tas-Servizzi Bankarji. Skond din il-lista, Malta u l-Armenja jistgħu jikkollaboraw f'diversi oqsma industrijali bħal per eżempju fit-Turiżmu, fl-Enerġija Solari, fit-Teknoloġija Informatika, fit-Telekomunikazzjoni kif ukoll fis-Settur Bankarju. Kif semmejt fir-risposta għall-mistoqsija ta' qabel, wieħed jista' jikkonsidra ftehim fil-qasam tat-Turiżmu, fl-Enerġija Solari, tat-Teknoloġija Informatika, tat-Telekomunikazzjoni kif ukoll fis-Settur Bankarju. Naturalment, irrid l-ewwel u qabel kollox niddiskuti dan kollu mal-Uffiċċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin responsabbli mill-Armenja u dawk responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi, kif ukoll mal-iStakeholders Maltin.

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Fl-1 ta' Lulju 1977 dħalt bħala Skrivan mal-Gvern u ġejt mibgħut naħdem mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fejn ġejt assenjat mal-Bilateral Division. F'April tal-1987, ħadt posting fl-Ambaxxata ta' Malta f'Pariġi fejn servejt bħala 1st Secretary u Konslu Ġenerali sal-1991. Minn Pariġi, il-Ministeru ssekondani biex inservi fil-Conflict Prevention Centre tas-CSCE fi Vjenna, fejn l-aħħar sena għadejtha naħdem fid-Department of Administration and Budget tal-OSCE (kif fil-frattemp bdiet tissejjaħ is-CSCE). Fi Vjenna domt sal-1994. Meta f'Ġunju 1994 irritornajt Malta, ġejt assenjat mal-Multilateral Affairs Directorate fejn eventwalment, fid-19 ta' Jannar 2004, ġejt maħtur Direttur ta' l-istess Direttorat. Wara ristrutturar tal-Ministeru, fit-22 ta' Marzu 2006, inħtart Director, General Affairs and International Trade fl-Economic and European Affairs Division fejn servejt sakemm f'Ottubru 2007 mort il-Kajr bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Eġittu. Fiż-żmien li kont l-Eġittu, kont ukoll Ambaxxatur mhux residenti għas-Sudan, Formal Liaison Officer għal-Lega Arbija, Rappreżentant ta' Malta għall-Unjoni Afrikana u Ambassador-designate għall-Etjopja. Fil-31 ta' Jannar 2012, irritornajt Malta u rtirajt mis-Servizz Pubbliku. Iżda fl-24 ta' Marzu 2014 erġajt lura fil-Korp Diplomatiku meta nħtart Ambaxxatur mhux residenti għall-Ungerija, kariga li għadni nokkupa sakemm jinħatar l-Ambaxxatur il-ġdid.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Kif għidt aktar 'il fuq, Malta u l-Armenja s'issa ffirmaw erba' Trattati, li jkopru t-twaqqif tar-Relazzjonijiet Diplomatiċi (Ġunju 1993), it-Trattat dwar koperazzjoni fil-qasam tal-Kultura (Diċembru 2017), il-Memorandum of Understanding dwar Konsultazzjonijiet Politiċi Bilaterali (Frar 2019) u t-Trattat dwar it-Taxxa Doppja (Settembru 2019). Għalhekk, l-ewwel m'għandu jsir hu li jiġu implimentati aktar dawn it-Trattati, speċjalment it-Trattat dwar il-koperazzjoni fil-qasam tal-Kultura kif ukoll il-Memorandum of Understanding dwar il-Konsultazzjonijiet Politiċi Bilaterali. Pass ieħor importanti hu li ssir viżita mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin, li fiha jkun akkumpanjat minn Trade Delegation.

Min-naħa tiegħi, irrid inżomm kuntatt regolari mal-Uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin responsabbli mid-Desk tal-Armenja u li nikkonsulthom regolarment. Għandi wkoll inżomm kuntatt mal-Uffiċċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Armenja, mal-Ambaxxata Armena f'Ruma kif ukoll mal-Konslu Onorarju li għandna f'Yerevan. Irrid ukoll nistabbilixxi u nżomm kuntatt mal-Ambaxxaturi li hemm preżenti f'Yeravan, partikolarment l-Ambaxxaturi tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Yerevan, l-Ambaxxatriċi Andrea Wiktorin. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, insegwi mill-qrib l-iżviluppi dwar it-twaqqif ta' Parliamentary Friendship Group għall-Armenja fil-Parlament Malti, speċjalment meta l-Assemblea Nazzjonali tal-Armenja waqfet il-Parliamentary Friendship Group ma' Malta fi Frar 2022.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Kif għidt fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija numru 2 mill-Membri tal-Gvern dwar l-isfidi prinċipali li jridu jintgħelbu biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, naħseb li l-ewwel irridu nsaħħu u nattwaw id-diversi Trattati li ġew iffirmati, partikularment it-Trattat dwar Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Kultura. B'danakollu, il-fatt li jien Ambaxxatur mhux residenti hija sfida kbira; għalhekk jien irrid nimpenja ruħi mija fil-mija sabiex dan l-iżvantaġġ ma jinħassx. Naturalment tibqa' l-problema tad-distanza bejn iż-żewġ pajjiżi. Nifhem li kemm is-sitwazzjoni fl-Armenja (minħabba t-tensjoni mal-Azerbajġan) kif ukoll fl-AirMalta ma tantx jawguraw li jista' jsir ftehim fil-qarib għal titjiriet diretti, sakemm ma jkunx hemm xi kumpanija 'low cost' li lesta tidħol hi għal titjira diretta bejn Malta u l-Armenja. Insemmi bħala eżempju 'FlyOne Armenia', li hija waħda mil-linji tal-ajru Armena li hija 'low cost'. Hawn tidħol il-kwistjoni tal-visa, speċjalment is-Shengen Visa, li ċ-ċittadini Armeni għandhom bżonn biex jiġu Malta (għalkemm hawn irrid insemmi l-ħidma min-naħa Armena biex jintlaħaq ftehim dwar Visa Liberalisation). Nirrepeti li min għandu passaport Malti m'għandux bżonn visa biex jidħol l-Armenja. Ħaġa oħra li wieħed irid isemmi hija d-deċiżjoni tal-Armenja li ma tiffirmax l-'Association Agreement with a Deep and Comprehensive Free Trade Area' mal-Unjoni Ewropea u minnflok ingħaqdet mal-'Eurasian Economic Union', għalkemm fl-24 ta' Novembru 2017, iffinalizzat l-'Armenian-EU Comprehensive and Enhanced Partnership Agreement (CEPA)', li Malta rratifikat f'Settembru tal-2018. B'danakollu Malta tibqa' tgħin lill-Armenja fir-relazzjonijiet tagħha mal-Unjoni Ewropea. Sfida oħra hija l-lingwa, għalkemm l-Ingliż flimkien mar-Russu huma l-lingwi barranin wara l-Armenja li hija l-lingwa uffiċċjali tal-pajjiż.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Nibda biex ngħid li kemm Malta kif ukoll l-Armenja huma mpenjati li jesploraw oqsma ta' kooperazzjoni bilaterali, ibbażati fuq rieda politika, li, għalkemm f'dawn l-aħħar 30 sena minn meta ġew stabbiliti r-relazzjonijiet diplomatiċi, dawk bilaterali kienu eċċellenti, tinħass il-ħtieġa li dawn ir-relazzjonijiet bilaterali jkomplu jiġu ntensifikati. Dan jista' jsir f'diversi oqsma bħal per eżempju fis-settur tal-Kultura, tal-Edukazzjoni, tal-Enerġija, eċċ. Barra minn hekk, Malta u l-Armenja għandhom interess komuni fl-Unjoni Ewropea, speċjalment bil-ftehim CEPA (Comprehensive and Enhanced Partnership Agreement), liema ftehim kien iffirmat f'Novembru 2017 u li Malta rratifikat fid-29 ta' Settembru tas-sena ta' wara u li eventwalment daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu tas-sena 2021 Interess komuni jeżisti wkoll fl-EU-Armenia Partnership Council liema Kunsill tenna l-impenn kemm tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Armenja favur id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, is-saltna tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi. Dan l-istess Kunsill saħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-bdil tal-Klima. Apparti dan il-Kunsill, wieħed jista' wkoll isemmi l-Eastern Partnership (EaP) fejn Malta hija mpenjata f'dan il-Partnership speċjalment fir-rigward tal-Armenja. Fil-fatt, Malta temmen li r-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fi ħdan l-EaP huma ta' benefiċċju għall-Armenja u l-poplu Armen. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi l-Missjoni Ċivili għall-Armenja li l-Unjoni Ewropea iddeċidiet li twaqqaf fl-20 ta' Frar li għadda. Fejn tidħol l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Ko-operazzjoni fl-Ewropa (OSCE), Malta u l-Armenja jaqsmu l-interessi tagħhom fejn jidħol it-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà fir-reġjun, kif ukoll bl-importanza tal-Minsk Group li qed jaħdem biex

isib soluzzjoni dejjiema għall-konflitt ta' Nagorno-Karabakh, minkejja d-diffikultajiet li dan il-Grupp jiltaqa' magħhom. Malta u l-Armenja għandhom ukoll interess fil-Kunsill tal-Ewropa, fejn wieħed ta' min isemmi r-rieda ta' Malta li timpenja ruħha mal-Armenja favur id-demokrazija, is-saltna tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Malta u l-Armenja għandhom interess fl-'Organisation internationale de la Francophonie' (OIF), għax waqt li l-Armenja hija membru tal-OIF, Malta għandha 'status' ta' Osservatur. Interessanti li dan l-istatus ingħata lil Malta fis-17 il-'Summit' tal-OIF li sar f'Yerevan, Armenja fit-12 t'Ottubru 2018. Aspett ieħor ta' nteress u pożizzjoni komuni li għandhom Malta u l-Armenja hu fejn tidħol il-politika barranija fir-rigward tal-konflitt bejn l-Arab u Lhud, peress li tradizzjonalment l-Armenja hija eqreb għall-perċezzjoni Arbija, għalkemm tipprova ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' Israel. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, Malta u l-Armenja għandhom interess li jaħdmu għall-paċi u s-sigurtà partikularment fir-reġjuni rispettivi tagħhom, speċjalment l-impenn tal-Armenja li tikkontribwixxi għal Trattat ta' Paċi mal-Ażerbajġan.

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

Le. Qatt ma mort l-Armenja u m'għandi l-ebda rabta ma' dan il-pajjiż u lanqas investimenti kummerċjali.

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Iva. Kont impjegat dejjem mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin mill-1977 sal-2012

6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Le.

7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Mill-1987 sal-1991 servejt fl-Ambaxxata ta'Malta f'Pariġi bħala 1st Secretary u Konslu Ġenerali; mill-1991 sal-1994 servejt fil-Conflict Prevention Centre tas-CSCE (li fil-frattemp saret OSCE); mill-2007 sal-2012 servejt bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Eġittu, residenti l-Kajr (kont ukoll Ambaxxatur mhux residenti għas-Sudan, Formal Liaison Officer għal-Lega Arbija, Rappreżentant ta' Malta għall-Unjoni Afrikana u Ambassador-designate għall-Etjopja). Fl-24 ta' Marzu 2014 ġejt maħtur Ambaxxatur mhux residenti għall-Ungerija, kariga li għadni nokkupa sakemm jinħatar l-Ambaxxatur il-ġdid.

8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Le.

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport ta’ pajjiż ieħor?

***Le.***